SANNAT

Minuti tat-tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Iffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 4 ta' April, 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| Kunsilliera | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1374 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 28 li saret fil-15 ta' Frar u l-laqgħa numru 29 li saret fit-22 ta' Frar 2010.

**Item 2 Mill-Minuti**

1375 (*para. 1325*) Rigward il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku mħallat, il-Kunsill flimkien mal-Kunsilli Lokali l-oħra għadhom ma ffirmawx il-kuntratt. Il-KIP Għawdex kitbulna meta ser niffirmaw dan il-kuntratt.

1376 *(para. 1329*) Rigward il-linja diviżorja tal-art tal-Kunsill l-ġdid ma' John Grima saret laqgħa mas-Sur Mamo, Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Artijiet fejn preżenti kien hemm is-Sindku, is-Segretarju, il-Perit u l-Avukat tal-Kunsill. Din il-laqgħa saret fit-28 ta' Frar 2011. Wara li ġew ivverifikati d-dokumenti ta' Taqsima tal-Proprjeta' tal-Artijiet tal-Gvern jidher biċ-ċar fejn tiġi l-qasma tal-art. Is-Sur Mamo qal li ma jsibx diffikulta' għaliex l-affarijiet huma ċari biżżejjed u l-Kunsill għandu jibda x-xogħol fuq il-ħajt tad-diviżjoni mal-proprjeta' ta' John Grima għaliex hemm indikat il-ħajt fuq is-site plans uffiċċjali tad-Dipartiment fejn kien il-ħajt u jrid jerġa' jinbena fejn kien dan il-ħajt. Is-Sur Mamo qal li għandha ssir *caution* fuq l-art inkwistjoni u għandu jagħmel bil-miktub biex il-Kunsill ikun jista' jibda x-xogħol. Wara li nkitbet itttra lis-Sur Mamo dan bagħat email fejn qal li hu ta struzzjonijiet biex il-każ ikun konkluż. Dwar it-terrapien li hemm fuq wara l-bini tal-uffiċċju, il-kuntrattur qal li lest li joħorġu bil-karretta. F'każ li nirċievu mid-Dipartiment tal-Artijiet id-dokumentazzjoni meħtieġa dan jitnaddaf bil-bobcat.

1377 *(para.1331)* Rigward in-Notte Scarlata l-Kunsill ingħata l-permess sabiex jibdel id-data sabiex ma ssirx fl-istess ġranet tal-Notte Gozitana u ssir f'data oħra. Id-Dipartiment approva li din issir f'Settembru 2011 u għalhekk ser issir bejn il-24 u l-25 ta' Settembru 2011.

1378 *(para. 1322)* Rigward il-bozza ġdida fi Triq Gerxija faċċata ta' trejqa żgħira mhux possibbli li din issir mal-bini u għandha teħel ma' arblu li hemm fil-qrib mar-Razzett Bebunaq.

1379 (*para 1337)* Rigward il-*Private Public Parternships Scheme* tal-għoti tal-tarmak, il-Kunsill irċieva mingħand il-Policy Coordinator tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat kienet ġiet aċċettata u għalhekk sa' l-aħħar ta' Marzu 2011 iridu jiġu ppublikati l-avviżi fuq il-gazzeta tal-gvern. Dan kollu sar u ser tagħlaq fit-28 ta' April 2011.

1380 *(para. 1346)* It-Transport Malta rrispondew għat-talba ta' Reserved Parking fi Triq il-Kbira fejn qalu li f'din it-triq ma hemmx problema ta' parkeġġ. Is-Sindku qal li fil-viċin hemm tliet ħwienet tax-xorb u jkun hemm ħafna nies ipparkjati.

1381 *(para. 1353)* Il-kwotazzjonijiet tal-uffiċċini l-ġodda biex jiġi kkonnetjat id-drenaġġ, inxeħtu fuq konnessjoni ta' drenaġġ wieħed, meta fil-fatt hemm tnejn biex jiġu ikkonnettjati. Is-Sur Emanuel Buhagiar li xeħet l-irħas kwotazzjoni talab €85 iżjed biex jikkonnettja ż-żewġ drenaġġi. Dan l-ammont jiġi irħas mill-kwotazzjoni tat-tieni wieħed. Il-Kunsill approva din id-differenza. L-applikazzjoni għand it-Transport Malta qed tiġi pproċessata. Għandha toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex jitnaddaf il-*pit* tal-lift.

1382 *(para. 1371)* Rigward l-applikazzjonijiet ECO Għawdex, il-Kunsill ġie nfurmat bil-miktub mill-Ministru għal Għawdex li l-applikazzjonijiet tal-ispazju miftuħ ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus ġiet approvata u l-Kunsill għandu jingħata €42,222.08ċ bħala għajnuna. L-Isqaq Ta' Dun Anastas u l-isqaq l-ieħor ma ġewx approvati. Rigward l-ispazju miftuħ ta' Triq id-Daħla taċ-Cnus ser tintalab id-Devoluzzjoni tagħha għaliex issa hemm il-flus disponibbli għal dan il-proġett. L-applikazzjoni għand il-MEPA qed tiġi pproċessata, imma hemm intopp li parti mill-art fin-naħa ta' ġewwa hi skedata. Għandha ssir laqgħa maċ-Chairman tal-MEPA rigward dan il-każ. Għad baqa' l-fondi u ser jingħata ċ-ċans li jsiru applikazzjonijiet ġodda. Il-Kunsill qabel li fil-ħin opportun jagħmel t-talba għal fond ital-EcoGozo sabiex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq tal-Gruwa, Triq tal-Lewż u Triq Mġarr ix-Xini.

1383 *(para.1302*) L-RCV's għall-fanali tal-pjazza saru għall-prezz ta' €282.

1384 *(para. 1236)* Il-bozza fls-sqaq fi Triq Ċenċ fejn il-Ġibjun ġiet approvata mill-EneMalta.

1385 *(para.1211)* Saret laqgħa mal-MRRA (Paying Agency) rigward il-Measure 323 fil-4 ta' Marzu 2011. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi l-permessi tal-MEPA. Rigward l-applikazzjoni għall-permess tal-MEPA għal Measure 323, dawn irċevew ittri minn terzi persuni li l-applikazzjoni ta' wieħed mill-ħitan ser issir fuq proprjeta' privata. Dwar dan saret korrezzjoni tal-applikazzjoni għand il-MEPA. Il-KNDP oġġezzjonaw dwar l-art tal-passaġġ.

## Item 3. Korrispondenza

1386 Il-kuntratt mal-GreenPak ser jagħlaq u wasal iż-żmien biex jiġġedded. Il-Kunsill qabel li dan jerġa' jiġġedded.

1387 Memo 12/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ftehim kuntrattwali tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-Oqsma tal-Bini tal-Gvern.

1388 Il-Kunsill ġie nfurmat mill-uffiċċju tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika li ser jibda sensiela ta' żjarat fil-lokalitajiet kollha sabiex jiltaqa' mal-Kunsilliera. Din il-laqgħa ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta' April 2011 fil-10.00 a.m.

1389 Ittra mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar Jum l-Ewropa – 9 ta' Mejju 2011 – festa tal-artisti. Għal darba oħra s-Segretarjat qed jitlob lill-Kunsilli Lokali sabiex iħeġġu artisti mill-lokalitjiet li huma ġemmellati magħhom jew mill-lokaitajietl tagħhom stess sabiex jieħdu sehem f'din l-attivita'. Għal artisti barranini ser ikun hemm ħlas ta' €100 mid-Dipartiment.

1390 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-ħatra ta' Skrivan Part-Time Skala 15. Id-Dipartiment talab rendikont ta' kif il-Bord wasal għal dawn il-marki.

1391 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-Kunsill ġie magħżul biex jingħata fondi fuq l-iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011. Il-Kunsill ser jingħata nofs l-ispejjeż sa massimu ta' €1,625

1392 Ittra minn TVM u Education 22 dwar sensiela ta' programmi li ser jibdew ix-xandru rigward xogħlijiet tal-Kunsilli. Dan is-servizz jingħata għall-prezz ta' €951.

1393 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-ammont ta' €450 inkonnesjoni mal-Attivita' Lokalitajiet Indaf 2009 ser jiġi transferit fil-kont bankarju tal-Kunsill.

1394 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilli Lokali li f'kull attivita' li qed issir bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika u dik tal-Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta, għandu jkun hemm il-logos tagħhom.

1395 Cirkulari AKL 25/2011 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward proġett li ser tieħu sehem fih l-Assoċjazzjoni dwar *Europe for Citizens* li jismu INTACT.

1396 Cirkulari AKL 13/2011 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Ħlas tal-Performing Right Society għas-sena 2011 li hu ta' €18.

1397 Cirkulari AKL 24/2011 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward laqgħa li saret mat-Transport Malta fejn ġew infurmati li l-applikazzjonijiet tal-bus shelters kollha ġew approvati.

1398 Cirkulari AKL 21/2011 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-laqgħa tas-Sindki li ser issir bejn l-20 u l-21 ta' Mejju 2011 fil-Lukanda Dolmen, Qawra.

1399 Cirkulari AKL 29/2011 dwar ittra mill-Electro Waste Malta Ltd. dwar ġbir ta' skart tal-ħwejjeġ. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa magħhom.

1400 Ittra mir-Reġjun ta' Għawdex rigward Progett Youth in Action mar-Reġjun tal-Emilia Romagna.

1401 L-iskola Primarja ta' Sannat kitbu li l-entratura tal-iskola minn Triq 28 ta' April 1688 meta tranġat il-bankina tħallew xi knaten neqsin bir-riżultat li xi knaten tħarrku u saru perikolużi għat-tfal. Dwar dan ġie nnutat li n-naħa tal-proprjeta' ta' John Grima ser ikun hemm il-

problemi għaliex dak ma kienx ħalla l-Kunsill jirranġa xejn. Rigward in-naħa l-oħra l-Kunsill għandu jitqabbad kuntrattur sabiex jagħmel dak ix-xogħol.

1402 Ittra mill-iskola Primarja ta' Sannat li fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mit-twelid tal-Professur Ġużè Aquilina, il-Kunsill tal-istudenti ser jieħu nizjattiva biex itella' diversi attivitajiet f'ġieħ il-Professur. Il-Kunsill huwa mistieden biex jattendi għal din l-attivita' li ser tittella' fl-iskola nhar il-Ġimgħa, 8 ta' April fil-11.30 a.m.

1403 Il-MEPA infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal *Public Convenience* fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini ġiet irtirata għaliex ma ġietx *re-activated.* Il-Kunsill qabel li ssir talba sabiex l-art in kwistjoni tiġi esprojprijata ħalli l-proġett jitkompla.

1404 L-uffiċċju tal-kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser jaġġorna u iħejji strategija għas-snin li ġejjin fejn tidħol il-kultura f'Għawdex. Biex jikber aktar l-għarfien ta' din il-ħdma li trid titwettaq flimkien mal-Kunsilli Lokali ser jiġi organizzat *Business Breakfast* nhar il-Erbgħa, 6 ta' April 2011 fiċ-Ċentru għall-kultura u Arti fiċ-Ċittadella fid-9.00 a.m.

1405 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA li l-fond tal-Urban Improvments Funds għal-lokalita' ta' Sannat hu ta' €24,528. Rigward il-fanali ta' Triq Sannat għandha tinħareġ it-tender sabiex isiru dawn il-fanali.

1406 Ittra mingħand il-KIP Għawdex fejn ipproponew li flok il-Ġimgħa l-Kbira li taħbat ft-22 ta' April joħorġu jiġbru l-iskart il-ġurnata ta' qabel iġiefieri l-Ħamis 21 ta' Arpil 2011. Il-Kunsill ma qabilx ma' din l-proposta u l-iskart għandu jinġabar il-Ġimgħa l-Kbira.

1407 Tal-Beach Cleaning talbu li jingħataw is-siment iswed għal bajja ta' Mġarr ix-Xini sabiex isir xi xogħol ta' manutenzjoni. Il-Kunsill approva dan is-siment.

1408 Tal-Gozo Creations bagħat stima ta' tabelli *Clean Up After Your dog* li huma:

Sign 3mm PVC: €10 + VAT
Sign 5mm PVC: €15 + VAT
Sign 10mm PVC: €20 + VAT

Il-Kunsill għażel dik ta' 3mm.

1409 Ittra mingħand George Azzopardi rigward stima ta' xogħol li tirrigwadja biex isir il-*coring* 'il ġewwa mill-bajja ta' Mġarr ix-Xini fil-qiegħ tal-wied. Dan ser isir sabiex jiġi determinat sa fejn kien jidħol il-baħar. Dan jieħu jumejn xogħol ta' tnejn min-nies u l-ħlas tal-*lodging* tagħhom. L-ispisa ta' kollox tiġu madwar €500. Il-Kunsill approva li dan ix-xogħol jitħallas flimkien mal-Kunsill Lokali tad-Xewkija.

1410 Kopja ta' ittra mingħand George Azzopardi dwar lecture li ser issir dwar Għar ix-Xiħ fit-28 ta' April fis-7.30 p.m. fil-pjazza. Din ser tkun parti mill-Attivitajiet ta' Jum Sannat

1411 Ittra mill-Ministeru għal Għawdex li ser twaqqaf Kunsill Reġjonali taż-Żgħażagħ f'Għawdex. Dawk l-għaqdiet interessati għandhom jinfurmaw 'il-Ministeru sal 31 ta' Marzu 2011.

1412 Ittra mingħand il-*Cosatal & Marine Union dwar Quality Coast programme for sustainable and socially responsible trourism, Quality Coast Awards.*

SANNAT

## Item 4. Website tal-Kunsill

1413 Il-Webste hi lesta u saret minn Kaiser Ltd. ta' Emanuel Curmi. Kulħadd għandu jagħmel profil u jipprovdi rittratt tiegħu.

## Item 5. Jum Sannat

1414 Dwar Jum Sannat il-Kunsill qabel li jitħejja programm ta' attivitajiet fosthom l-għoti tal-Premju Ġieħ Ta' Sannat. Kull min jiġi nominat għandu jagħmel *power point* dwar il-persuna nominata jew jgħaddi l-materjal lill-Kunsill. Żmien għall-applikazzjonijiet ser ikun sal-20 ta' April 2011.Għandu jinħatar bord tal-aġġudikazzjoni għal Premju Ġieħ Sannat.

1415 Għandha ssir kompetizzjoni għat-tfal kollha tal-iskola Primarja ta' Sannat għall-isbaħ tpinġija, ritratti u komponimenti.

1416 Fis-16 ta' April ser issir ħarġa għal Malta li tkun għal kulħadd.

1417 Issir ħarġa għaż-żgħażagħ f'Malta fis-27 ta' April 2011.

1418 Fit-28 ta' April, Jum Ta' Sannat għandha ssir quddiesa fil-knisja parrokjali, Santa Margerita u wara serata ta' Talent Sannati fil-Pjazza Santa Margarita. Il-Premju Ġieħ Sannat jiġi ppreżentat waqt din l-attivita'.

1419 Bħala attivita' sportiva ser tiġi organizzata serata ta' Logħob Mingħajr Konfini fit-8 ta' Mejju 2011 biex ngħinu lil Puttinu Cares.

1420 Bejn it-13 u l-15 ta' Mejju għandu jiġi organizzat Weekend Break f'Malta.

## Item 6. Tender 01/2011 Measure 323

1421 Għax-xogħol ta' *Tender for the Restoration of Rubble Walls, Measure 323 – Conservation and Upgrading of Rural Heritage* (to Tal-Bidwi Park) inxeħtu tlett offerti li kienu:

| Nru. | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Bugeja Bros. | €52,759.40 |
| 2. | Pius Attard | €48,515.80 |
| 3. | Lawrence Borg (Gatt Tarmac Ltd.) | €61,604.00 |

Waqt li nfetħu l-pakketti tal-offerti ġie nnutat li:

Buġeja Bros. xeħtu kopja tal-offerta nieqsa ta' tender.

Waqt li f'dik sottometta minn Gatt Tarmak Ltd. ġie nnotat li kopja ta' tender inxtrat minn Lawrence Borg.

SANNAT

Id-dokumenti kollha ġew issiġillati fil-kaxxa tal-offerti u l-Kunsill ħatar Adjudcation Committee li jikkonsisti f' Dr. Grazio Mercieca, avukat, il-perit Edward Scerri u l-perit Brian Curmi biex jagħmlu r-rakkomandazzjoni tagħhom.

**Item 7. Materja oħra**

1422 Rigward il-Measure 313 ġie ffirmat l-kuntratt u l-Kunsill ser jingħata €303, 494 (VAT mhix inkluża). Saret talba mill-MRRA lill-Kunsill sabiex jinfetaħ kont bankarju ħalli parti mill-flus jiġu depositati f'dan il-kont.

1423 Fi Triq tal-Lewż inxeħet ammont konsiderevoli ta' terrapien minn persuni mhux magħrufa. Dan irid jitneħħa permezz ta' bobcat.

1424 Bħala parti mill-attivitajiet tal-Iskema Sports, ser issir il-Field Day għat-tfal tal-iskola fejn ser jinxtraw kotba għat-tfal, jingħataw flixkun ilma u tuffieħa kull wieħed. Għandu jingieb PA System għal din l-attivita' li ser jkun ta' Antoine Farrugia għall-prezz ta' €65.

1425 Il-perit ipprepara l-kwotazzjoni tal-burdura tal-funtana u għanda toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet.

1426 Il-perit ipprepara l-kwotazzjoni għall-*pit* għax-xaft tal-lift fl-uffiċċju l-ġdid u għandha toħroġ g sejħa għal kwotazzjonijiet.

1427 Fil-lokal ħawn numru ta' bozoz ġodda u l-contract's manager intalab sabiex jingħataw numru sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportaġġ ta' ħsarat.

1428 Rigward is-*swimming zone* fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, Transport Malta nkitbitilhom ittra sabiex tkun bħalma kienet s-sena l-oħra. Rigward l-irbit tal-bċejjeċ tal-baħar mal-moll dan ma għandux ikun ta' iktar minn tlett minuti. Għandha ssir laqgħa magħhom rigward il-bajja.

**Item 8. Ilmenti**

1437 Ilment mingħand Frank Salt Ltd. dwar bankina mad-dar 110 fi Triq il-Kbira li fil-bricks hemm il-ħaxix biex jitneħħa.

1438 Ir-residenti ta' Triq l-20 ta' Lulju kitbu dwar l-istat ħażin tat-triq u li hemm bżonn li tiġi resurfaced.

1439 Ilment dwar Triq Dun Luqa li hemm ħafna trabijiet, ħofor u żrar.

1440 Ilmenet mill-perit John Saliba f'isem Jason Mercieca, fejn qal li għamel spezzjoni fid-dar tas-Sur Mercieca li għandu fi Triq ix-Xewkija, Ta' Sannat. Dan qal li hemm *bracket* bil-wires u bozza tad-dawl imwaħħlin mal-proprejta' tiegħu. Hu qal li dawn qed jagħmlu ħafna ħsara fil-bini. Hu qal li qed jagħti parir lill-Kunsill sabiex dawn jitneħħew u jsir arblu fejn id-dar u jetpoġġew miegħu. Dwar dan l-ilment il-Kunsill għandu jkellem lill-perit.

1441 Karen Zammit ta' Prinjola, Triq it-Tempju tal-Imramma li tablet li jsiru *safety mats* fil-playing field.

SANNAT

1442 Eucharist Cordina ta' 78, Triq il-Kbira fejn talab biex jitnaddaf il-passaġġ ta' Triq Xamgħan minn Triq il-Kbira.

1443 Maria Attard, Plot 3, Triq il-Kanal, Xewkija fejn ipproponijiet li mal-gandott tal-Gruwa jitwaħħlu xi tabelli biex tinżamm l-indafa għax wara li tnaddaf qed jerġa' jintela biż-żibel. Il-Kunsill qabel li titpoġġa tabella sabiex ma jkomplix jinxeħet lis-skart.

1444 Il-Kunsillier Marlene Muscat bagħtet xi ritratti dwar l-istat ta' Triq Bardan. Is-Sindku qal li din it-triq qatt ma kienet asfaltata u l-Ministru qalet li l-parti fejn hi residenzjali ser issir.

1445 Ċemplet persuna li fi Triq it-Tempju tal-Imramma hemm ħafna terrapien ta' kostruzzjoni b'konsegwenza ta' ħafna trabbijiet u ħmieġ.

1446 Georgia Bajada ta' Georton House, Dun Xand Aquilina u oħrajn tablu sabiex Triq Dun Xand Aquilina ssir One Way peress li qed isiru ħafna inċidenti u jikkawżawlha ħafna spejjeż fid-dar u l-periklu. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba.

1447 Joe Spiteri, *Mika*, Flat 1, Triq Ġużè Flores, Kercem talab biex issir tabella f'trejqa privata fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini quddiem il-wied sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jidħlu jaħdmu r-raba tagħhom. Il-Kunsill ma qabilx li ssir din it-tabella *No Parking* għaliex ħadd ma għandu jipparkja l-vettura tiegħu quddiem entratura ta' trejqa għal ġo raba lanqas jekk din tkun proprjeta privata. Dan għandu jingħata l-pariri li f'każ li ssib xi karozza li qed timblokka l-entratura, jagħmel rapport lill-pulizija.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |